# MALTA

## DEBATES TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

***(Rapport Ufficjali u Rivedut)***

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 553**

**L-Erbgħa, 13 ta' Ġunju, 2001**

**Stampat fl-Ufficcju ta' l-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz Lm1**

**ID-DISA' PARLAMENT**

**Seduta Nru. 553**

**L-Erbgħa, 13 ta' Ġunju, 2001**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fil-Kamra tal-Parlament, il-Palazz, il-Belt Valletta, fis-6.10 p.m.**

**Talba**

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

### ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SOĊJETAJIET KOPERATTIVI

### *CO-OPERATIVE SOCIETIES BILL*

*L-Ordni għat-tieni qari ġie moqri.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqegħdet.*
*Ikompli mit-12 ta' Ġunju 2001.*

**MR. SPEAKER:** Aktar rimarki? L-Onor. Joe Mizzi.

**ONOR. JOE MIZZI:** Mr. Speaker kulħadd jaqbel li għandu jkun hemm dawn il-koperattivi. Fil-ftit ħin li għandi tajjeb li nelenka l-preokkupazzjonijiet ta' meta jiġi formulat dan il-grupp ta' ħaddiema biex imexxu aġenda flimkien. Kif għidt jien naqbel mal-koperattivi iżda rrid insemmi l-preokkupazzjoni ta' ċerti ħaddiema li jagħmlu parti minnhom. Se nsemmi direttament il-Maltacom. Insemmi lilha għax hija waħda mill-kumpaniji privati anke jekk il-gvern għad għandu l-maġġoranza tal-ishma. Tajjeb ngħidu li l-Maltacom xorta miexja fuq il-pjan li ttejjeb is-servizzi tagħha. Titjib fis-servizz ma jsirx fis-servizz innifsu biss iżda wkoll inqas ħela u aktar profitti. Il-Maltacom qed tagħmel eżerċizzju biex il-ħaddiema żejda jmorru ma' kumpanniji sussidjarji tagħha jew inkella jiffurmaw koperattivi ġodda.

Tajjeb li wieħed jistaqsi għaliex ħafna mill-ħaddiema tal-Maltacom kienu inkwetati ħafna li se tiġi formulata koperattiva għalihom. Ħafna kienu qed jaħsbu li s-sigurta' tal-impieg tagħhom kienet se tiġi mhedda. Dan anke meta kien hemm il-possibilta' li l-introjtu tagħhom kien se jiżdied. Jien naqbel mal-idea li kellha l-Maltacom għax ħafna mill-ħaddiema jafu xogħolhom sewwa. Għaldaqstant se nsemmi każ interessanti. Ċerti sezzjonijiet tal-kumpannija kienu qed jagħtuha servizz tajjeb u b'daqxejn kontroll kien qed ikun hemm servizz effiċjenti u ħafna inqas infieq ta' flus. Hawnhekk se nsemmi s-sezzjoni ta' l-*aluminium.* Din kienet tagħmel it-*telephone boxes,* aperturi u affarijiet oħrajn tal-*aluminium*. Kienet tagħmel ħafna xogħol u anke sahra u parti minnu ħaditu l-koperattiva u parti oħra ħadu l-privat. Ix-xogħol li qed jingħata lill-privat issa qed jiswa ħafna lill-Maltacom. Hawn wieħed irid joqgħod attent għaliex veru l-koperattiva bdiet tajjeb iżda tajjeb ngħidu wkoll li jekk tibqa' sejra kif inhi se jkollha l-problemi.

Hemm kwistjoni oħra fejn il-Maltacom waqqfet lin-nies tal-*garage* u tat ix-xogħol lill-privat. Hemmhekk il-Maltacom setgħet tagħmel koperattiva u m'għamlithiex anke meta kienet taf li kien hemm xogħol biżżejjed biex isir dan. Il-kumpannija issa qed toħroġ ħafna flus għal servizzi ta' manutenzjoni u s-servizz ma tjiebx. Smajt ħafna fuq kontijiet fenomenali għal servizz fuq karozza u smajt ukoll b'każi fejn ingħata servizz u l-problema baqgħet hemm. Min kien responsabbli seta' jagħmel koperattiva. Jien persważ li kieku l-ħaddiema jidħlu bi ħġarhom kienet tirnexxi kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-infieq tal-Maltacom. Fir-realta' din ma seħħetx u spiċċajna biex il-Maltacom qed toħroġ ħafna flus. Fejn jidħol it-trasport qed ikun hemm rebus għaliex karozzi li jidħlu għas-*service* qed jerġgħu jidħlu jumejn wara. Qed ikun hemm ħafna burokrazija għaliex meta jkunu se jinxtraw ċerti *spare parts* qed ikun hemm ħafna dewmien. Dan il-qasam fil-Maltacom sejjer lura għad-detriment tal-ħaddiema stess għax jekk il-kumpannija tmur lura l-ewwel li se jiġi affettwati huwa l-ħaddiem imbagħad is-servizz.

Kien hemm ukoll sezzjoni oħra fejn il-Maltacom iddeċidiet li tagħmel koperattiva. Kien hemm is-sezzjoni tat-trinek u jien ma nistax nifhem kif b'din wieħed jista' jagħmel koperattiva. M'hijiex idea daqshekk brillanti li tagħmel koperattiva f'dik is-sezzjoni. F'sezzjonijiet li setgħu jagħmlu koperattiva mbagħad m'għamluhomx. F'tat-trinek il-persuna li hija nkarigata tiġi ħu ministru. Dan il-persuna huwa msemmi għal kemm m'għamel xejn. Għaldaqstant tawh l-inkarigu li jifforma biex dan il-grupp tax-xogħol. Peress li dan kien magħruf fil-Maltacom ma sabx l-ammont tan-nies biex jiffurmaw il-koperattiva. Ma rnexxilux jgħaqqad sebgħa min nies. Sewwa jgħidu li tajjeb li jkollok qaddis. B'qaddis titla' s-sema u għax dan ma rnexxilux jgħaqqad sebgħa min nies niżżlu n-numru għal ħamsa. Jidher li dan tal-qalba u rnexxielu jgħaqqad ħamsa. Il-bidla minn sebgħa għal ħamsa saret ġenerali. Malajr sabu mod kif jirranġaw l-affarijiet għal din il-persuna. Biex taparsi ntejjbu l-qagħda tal-koperattivi akkomodejna lil xi ħadd.

Jidher li t-*trend* ta'dan il-gvern f'kull ħaġa sejra hekk. Jien mhux qed ngħid li l-liġi mhix tajba. Għaldaqstant ma jistax ikun li tinbidel biex taqdi persuna jew oħra. Se nsemmi l-koperattiva tar-*refuse.* Hemmhekk naqqasnilhom il-finanzi u din il-koperattiva qiegħda taħt theddida meta suppost li ngħinuha għaliex jiddependi ħafna l-ambjent fuqha. Meta llum kulħadd favur l-ambjent ma nistax nifhem kif ma ngħinux koperattiva bħal din. Il-messaġġ li ridt inwassal huwa li l-koperattivi tajbin imma tajjeb naraw li ma jkunx hemm abbużi fihom u l-affarijiet ikunu ġusti anke fil-kuntest li semmejt fejn tidħol il-Maltacom u tar-*refuse.*

Is-sitwazzjoni hi li l-partit nazzjonalista għadu jgħin lill-qaddisin tiegħu fejn jista'. Dawn l-affarijiet m'għandhomx isiru u kif għidt saru fil-Maltacom. Semmejt il-każ fejn wieħed ma setax jifforma l-koperattiva għax ma kienx hemm sebgħa min-nies u niżżluha għal ħamsa biex dan il-qaddis inqeda. Ġejna fil-parlament biex inbiddlu l-liġi u l-liġi tbiddlet biex jinqeda xi ħadd. Grazzi Mr. Speaker.

**MR. SPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Insejjaħ lill-Onor. Marie Louise Coleiro.

**ONOR. MARIE LOUISE COLEIRO:** Mr. Speaker, xtaqt li fl-intervent tiegħu fuq din il-liġi nibda biex ningħaqad ma' wħud minn sħabi li taw ħajr lill-ex ministri laburisti kollha partikolarment lil dawk li ħadmu bis-sħiħ biex il-moviment koperattiv Malti li ilu jeżisti fostna għal dawn l-aħħar 54 sena tawh mhux biss l-istima li tixraqlu imma s-saħħa legali. Tajjeb li dawn l-affarijiet ma jintesewx għaliex l-istorja hija l-mera tal-futur kif kienu jgħidu l-antiki. Kien proprju l-gvern laburista ta' l-1971 li kien nieda jew introduċa l-

ordinanza u r-regolamenti ta' l-att 6 fl-1975. Aktar tard kompla biex għamel l-att ta' l-1978 dwar l-għaqdiet koperattivi. M'hemmx dubju li kull min ħadem fuq dan ix-xogħol ħaqqu prosit għaliex li ma kienx għal dik il-bażi llum na nistgħux niġu u niddiksutu l-emendi fuq il-liġi ta' l-1978.

Irrid nikkummenta li l-istess titlu li għandna għal dan l-abbozz qed jagħti l-impressjoni li hu att ġdid kompletament qisu qatt ma kellna liġi li tirregola l-moviment koperattiv Malti. Fil-fatt l-ewwel liġi ta' din ix-xorta kienet proprju l-liġi tal-1978. Irrid ukoll ngħid prosit lill-gvern nazzjonalista għax ġab il-professur Hans Mutter li kien proprju l-konsulent tal-gvern laburista fl-1976 biex ġiet ifformulata l-liġi ta' dak iż-żmien. Tajjeb li l-istess persuna li għen fil-formulazzjoni jgħin ukoll fl-emendi.

Mr. Speaker m'hemmx dubju, anke mid-diversi interventi li smajna minn dan id-dibattitu li l-moviment koperattiv illum kulħadd jirrikonoxxih bħala moviment importanti u bħala organizzazzjoni wiesa u mifruxa li għandha importanza ekonomika qawwija. M'hemmx dubju wkoll li għandha wkoll importanza soċjali qawwija. Għandha importanza soċjali mhux biss għax hawn koperattivi ta' natura soċjali imma għax kull koperattiva għandha dejjem importanza soċjali. Koperattiva minnha nfisha titwaqqaf fuq il-bażi tas-solidarjeta' u fuq il-ħiliet ta' l-imsieħba li jagħmluha. Din tibbaża kollox fuq il-ħiliet u tipprovdi wkoll l-għejxien kemm lill-imsieħba u lil oħrajn. M'hemmx dubju li hemmhekk hemm importanza u dimensjoni soċjali kbira. Jien inħoss li minkejja li l-moviment koperattiv f'pajjiżna ilu jiffunzjona għal dawn l-aħħar 54 sena xorta waħda għadna ma wasalniex fis-sitwazzjoni fejn għandu l-għarfien li jixraqlu mill-istrati differenti tas-soċjeta. Pjuttost naħseb li għad hawn mentalita' li l-uniċi koperattivi li hawn huma tal-biedja u s-sajd. F'pajjiżna għad hawn min jaħseb li l-koperattiva hija sistema ta' xogħol u attivita' ekonomika pjuttost medjokra.

Naħseb li din it-tip ta' mentalita' mhux se nibdluha biss bis-saħħa tal-liġi iżda permezz ta' impetus u għarfien ġdid. B'hekk ikollna kuxjenza ġdida biex il-moviment koperattiv jiġi meqjus kif suppost. Aħna nafu bis-seba' prinċipji fundamentali li fuqhom għandha tkun imwaqqfa koperattiva. Huma prinċipji mill-isbaħ u li għandhom dimensjoni sħiħa ta' l-għarfien tal-valur ta' ħielet il-bniedem, tal-valur tax-xogħol u tad-demokrazija. Minkejja l-54 sena minn meta bdiet tiffunzjona l-ewwel koperattiva f'pajjiżna l-kunċett għadu ma niżilx totalment. Għaldaqstant jien nemmen li li nagħmlu liġi huwa importanti. Kellna bżonnha bħal ma kellna bżonn dawn l-emendi. Hawn irrid nagħmel parentesi oħra u ngħid li hija ħasra li dan il-gvern ħela sentejn u nofs biex ġab il-liġi f'dan il-parlament għaliex fi żmien qasir ta' gvern laburista preċedenti sar ħafna xogħol. Jien ċerta li l-Viċi Prim Ministru meta daħal fil-ministeru sab id-dokumentazzjoni kollha li kienet tlestiet għall-emendi fuq din il-liġi. Għalhekk ngħid li hija ħasra li tkaxkru s-saqajn matul dawn is-sentejn u nofs. Kellna nieħdu sentejn u nofs sħaħ biex fl-aħħar niġu niddiskutu dawn l-emendi tant importanti.

L-emendi ta' din il-liġi huma importanti għaliex aħna ma nistgħux nieqfu mill- attivita' ekonomika u soċjali. Jeħtieġ li nkomplu nevolvu *in vista* tat-tibdil ekonomiku kbir li qed iseħħ kuljum fid-dinja, u *in vista* wkoll tal-bidliet soċjali li s-soċjetajiet qed jgħaddu minnhom. Mr. Speaker irrid inkompli nenfasizza li huwa importanti li nevolvu l-mentalita' u l-mod ta' kif kulħadd iħares lejn il-koperattivi għax fil-verita' l-moviment koperattiv f'Malta qiegħed jikber u jinfirex u mar lil hinn minn dak li beda bih. Illum nistgħu ngħidu li għandna koperattivi li firxu fuq oqsma li qatt ma konna noħolmu bihom. Saħansitra għandna koperattiva fil-qasam teatrali u ta' produzzjoni ta' *scripts* għat-teatru. Hemm

koperattiva li għandna x'taqsam mal-*marketing* u ma' reklamar. Jekk wieħed jibda jħares b'reqqa lejn kif żvolġa l-moviment koperattiv partikolarment dan l-aħħar 10 snin insibu li hemm xi ħaġa ħajja. Hija ħajja minkejja li għad m'għandniex mentalita' favur tagħha biżżejjed. Għaldaqstant xorta waħda kompla jespandi. Tajjeb li ngħidu li fl-1990 kien hawn 22 koperattiva f'pajjiżna u10 snin wara jiġifieri fis-sena 2000 għandna 45 koperattiva. Kellna żieda ta' aktar minn 200% f'dawk li huma entitajiet koperattivi.

Mr. Speaker dawn il-koperattivi bejniethom qed ilaħħqu mal-5,000 imsieħeb. Jien mhux qed ngħid li qed jipprovdu 5,000 impjieg imma kull imsieħeb qed jikkontribwixxi ekonomikament għax naturalment irid ikollu sehmu. M'hemmx dubju li dawn il-45 koperattiva qegħdin joħolqu numru ta' mpiegi f'pajjiżna. Għaldaqstant meta wieħed iħares lejn it-*turnover* tagħhom u jara kif sploda f'10 snin jgħid li din hija attivita' li rridu nħarsu b'mod pożittiv lejha. Jekk ikollna l-ambjent u l-*legal frame work* addattat għaż-żminijiet tal-lum u jkollna mentalita' favur tagħhom dan il-moviment jimxi l-quddiem. Fis-sena 1990 it-*turnover* ta' 22 koperattiva kien ta' 8 miljun fis-sena filwaqt li fis-sena 2000, is-sena li għaddiet, b'45 koperattiva żdied għal 22.5 miljun lira. Dan ifisser li t-*turnover* tal-moviment koperattiv f'Malta kiber b'280%. Jekk wieħed iqabblu mal-GDP tagħna bil-prezzijiet tas-suq insibu li attwalment jagħmel 1.4%. Dan il-moviment beda minn qasam partikolari u llum żviluppa u nfirex f'oqsma diversi. Dan daħħal fih aktar u aktar nies u naturalment qed ikun mezz mhux biss li jiġġenera attivita' ekonomika imma mezz li joħloq l-impiegi.

Jekk imbagħad wieħed iħares lejn il-kobor tal-moviment koperattiv fid-dinja aktar u aktar nindunaw li dan huwa qasam li rridu nagħtu kasu aktar. Għalhekk irridu nagħtuh l-attenzjoni u nkomplu nkabbru fuqu. Fid-dinja Mr. Speaker, u anke minn rapport ta' l-ICA - *international co-operatives alliance*, li hija l-akbar alleanza fid-dinja ta' l-għaqdiet koperattivi- nsibu li fil-fatt kien hemm irreġistrati mat-8 miljun individwu li huma membri ta' koperattivi fid-dinja li jipprovdu mal-100 miljun impjieg fid-dinja. Partikolarment fl-Afrika l-moviment koperattiv sar it-tieni l-akbar *employer* wara l-istat. Fl-Ewropa imbagħad il-koperattivi jipprovdu mpjiegi lil aktar minn 5 miljun ruħ li huwa d-daqs ta' l-istaff li għandha ċ-*China Federation of supply and marketing co-operatives*. Hawnhekk qed nitkellmu fuq attivita' ekonomika, u jien ngħidilha soċjali wkoll għax verament tirriżulta f'attivita' soċjali. Din tgħin biex tkabbar il-livell ta' l-għejxien u ssaħħaħ il-kwalita' tal-ħajja tal-ħaddiema. Huwa moviment kbir li jekk jingħata l-attenzjoni, l-għarfien, l-ambjent, u l-ispazju biex ikollu aktar inizjattiva f'pajjiżna jista' jkompli jirrendi kif fil-fatt qiegħed jagħmel.

Mr. Speaker, inutli ngħidu u nirreġistraw biss żidiet *f'turnovers* u f'koperattivi. Illum Mr. Speaker fil-Ġnus Maqgħuda u l-ILO għaddejja d-89 sezzjoni ta' l-*international labour organisation* f'Ġinevra. Wieħed mill-*items* fuq l-aġenda huwa proprju *'promoting co-operatives'* fejn qed iħarsu lejn il-koperattivi bħala mezz għall-ħolqien ta' opportunitajiet akbar ta' xogħol. Qed nitkellmu mhux biss fuq opportunitajiet ta' xogħol għall-ħaddiema inġenerali imma wkoll għall-gruppi partikolari fis-soċjeta' bħaż-żagħżagħ, in-nisa u persuni b'diżabilita'.

Hawnhekk jien naħseb li l-gvern li permezz ta' din il-liġi huwa u se jkompli jkun regulatur irid jara li fejn hemm attivita' li tista' tikber u tissaħħaħ imexxiha 'l-quddiem u li jagħtiha l-appoġġ li hemm bżonn. Jien tkellimt fuq il-mentalita' tal-poplu inġenerali rigward il-moviment koperattiv imma jien inħobb infakkar ukoll li l-eżempju dejjem ikaxkar. Jekk il-mentalita' *vis-a-vis* l-koperattivi għadha ma żvilluppatx daqstant fost il-poplu tagħna

sinjal ukoll li jkun hemm min forsi qed jgħaddi messaġġi ħżiena. S'issa nħoss li l-promozzjoni tal-koperattivi ma tantx kellha impatt pożittiv minħabba li meta l-gvern ikollu n-nies fuq żaqqu jħeġġiġhom biex jagħmlu koperattiva. Tiġini f'rasi l-koperattiva ta' l-indafa pubblika. Lil dawn ġiegħlhom jgħaqqdu koperattiva. Kien hemm il-każ tal-*linen service* li qed ngħidu li hija *success story*.

Forsi aktar tard naraw kif il-koperattivi qed jirnexxielhom jimxu vis-a-vis l-kompetizzjoni u l-politika ta' liberalizzazzjoni. L-istess ngħid għal tar-*road signs.* Dan l-aħħar smajna wkoll bi twaqqif ta' koperattiva minn ħaddiema tal-Maltacom li qed jagħmlu t-*telephone booths*. Nindunaw li meta jkollna ħaddiema li jaqilgħu problemi qed inħeġġuhom jgħaqqdu koperattiva.

Jien inħoss li anke l-messaġġ li jkun ġej min-naħa tal-gvern irid ikun ċar. Irid ikun messaġġ li verament jemmen fil-moviment koperattiv u fil-prattika. Importanti li l-liġi tiġi emendata u aġġornata  għaż-żminijiet tal-lum. Għaldaqstant bil-liġi biss ma naslux. Il-mentalitajiet qatt ma nbidlu bil-liġijiet. Il-mentalita' tinbidel bi proċess ta' edukazzjoni u ta' għarfien u għalhekk il-messaġġ irid ikun ċar u konsistenti. Jien nenfasizza l-bżonn li l-gvern jemmen bis-serjeta' fil-moviment koperattiv u ma jibqax jimposta l-idea jew il-messaġġ li malli għandu grupp ta' ħaddiema fuq żaqqu jgħaqqadhom f'koperattiva biex jibdew ifendu għal rashom. Imbagħad jekk ikollhom diffikulta' itihom ftit sussidju u jħallihom. Lejn il-moviment koperattiv irid imur is-*support* koperattiv u l-għarfien lejh irid imur ħafna aktar 'il-bogħod minn dan.

Nerġa' niġi għall-kwestjoni tal-mentalita' li rridu ngħinu biex tinbidel. Il-liġi se tgħin fl-operat tal-mument biex il-prattika tax-xogħol teħfief għaż-żminijiet tal-lum. Il-mentalita' rridu ngħinuha.  Kien punt pożittiv li anke fil-*curriculum* nazzjonali għandna *focus* fuq l-għarfien tal-moviment koperattiv. Kienet inizjattiva tajba wkoll l-inizjattiva ta' *scoops* u l-*young enterprise.* Aktar mill-*young enterprise* l-*iscoops* huwa proġett ta' koperattivi għat-tfal fl-iskejjel sekondarji minn form 3 'l fuq. Dan huwa importanti mhux biss għaliex dawn iż-żagħżagħ qed ikollhom din l-esperjenza bħala grupp iżda wkoll qed jesperjenzaw kif jaħdmu f'*team*, x'inhi  s-solidarjeta' u l-importanza tal-kollettivita'. Dik hija importanti ħafna għax hija parti mill-*life skills* u mill-valuri li ż-żagħżagħ tagħna jitilgħu  fihom. *Scoops* tista' tkun inizjattiva li ddaħħal sens ta' *entrepreneurship* fiż-żagħżagħ tagħna. Mr. Speaker dan is-sens huwa importanti speċjalment meta llum kulħadd jagħraf li l-mutur ta' l-ekonomija tagħna jrid ikun is-settur privat. Trid tkun l-inizjattiva ta' l-individwu u mhux dejjem il-gvern li jmexxu 'l-quddiem. Il-gvern m'għandux ikun qisu l-*big daddy* u jagħmel l-affarijiet hu. Għalhekk inizjattivi bħal *scoops* u *young enterprise* inisslu fiż-żagħżagħ tagħna wkoll dak is-sens ta' *entrepreneurship*.

Jien bħas-soltu filwaqt li nagħraf inizjattiva pożittiva mhux it-tip li ngħid prosit u nieqaf hemm imma nkompli nagħmel analiżi u nevalwa. Waqt li kont qed inħejji għall-intervent tiegħi dwar din il-liġi l-lejla ftakart dwar meta xi sena ilu jekk mhux l-ETC għamlet *tracer study* dwar il-gradwati ta' l-universita' biex tara fejn qegħdin jispiċċaw.   Niftakar li waħda mill-konklużjonijiet ta' dan it-*tracer study* minn dak li qrajna mill-media kien il-fatt li s-sens ta' *entrepreneurship* fost il-gradwati ta' l-universita' huwa minimu. Ħafna gradwati ta' l-universita' jispiċċaw mal-gvern u ftit b'xi mod jiġu assorbiti fis-settur privat. L-inizjattiva individwali, dik ta' *entreprenership*, hija xi ħaġa li tirriżulta minn dan it-tracer study. Naraw allura li għandna bżonn aktar minn dawk li ngħidulhom  *small, medium* u *young enterprise.* Il-koperattivi qishom SME li m'humiex regolati bil-liġi tal-kumpaniji kummerċjali. Għaldaqstant ħafna minnhom għandhom dawn it-tip ta' attivitajiet

ekonomiċi. Meta ftakart fl-istudju tal-ETC indunajt kemm għandna bżonn nibdew ngħallmu s-sens ta’ intrapriża u solidarjeta liż-żgħażagħ tagħna minn żgħar. Ma rridux li jkollna biss *scoops* u *young enterprise* iżda wkoll evalwazzjoni kontinwa ta’ x’qed jiġri u fejn qed naslu. Ma rridux ngħidu li *scoops* u *young enterprise* huma tajbin imbagħad insibu li bħala riżultat aħħari ma jkunx effettiv. Il-proċess ta' evalwazzjoni fuq bażi *long term* huwa importanti ħafna għax jekk ma nagħmluhx nistgħu niġu qisna bħal meta bniedem jagħlaq għajnejh, jimxi fid-dlam u ma jafx fejn se jasal. Naħseb li l-ebda pajjiż fid-dinja jkun sinjur kemm hu sinjur, ma jaffordja li r-riżorsi tiegħu jitlaqhom għal riħhom aħseb u ara pajjiż bħal tagħna fejn dejjem nitħabtu biex ngħixu. Għalhekk Mr. Speaker jien inħoss li f’dawn iż-żewġ inizjattivi wieħed irid jara eżattament jekk minkejja li huma posittivi humiex qegħdin iħallu r-riżultat li mixtieq.

Aktar kmieni fl-intervent tiegħi semmejt ukoll il-bżonn li l-għarfien għall-moviment koperattiv ikun minn kulħadd. Dan proprju għaliex *scoops* fejn is-soltu jorganizzaw il-fiera tagħhom fi Pjazza Ħelsien din is-sena organizzawha ġewwa San Ġiljan. Meta ltqajt ma' xi nies li pparteċipaw din il-fiera, qaluli li l-attendenza ta' dawk li s-soltu jmorru għall-fiera *scoops* kienet waħda baxxa għaliex il-bidla fil-post għamlet differenza. Meta staqsejt x'kienet ir-raġuni li nbidel il-post minn Pjazza Ħelsien ġewwa l-Belt għal ċentru kummerċjali ġewwa San Ġiljan qaluli li kien hemm diffikultajiet min-nies tan-negozju ġewwa l-Belt. Ma nafx kemm iż-żagħżagħ tal-koperattivi *scoops* fl-iskejjel setgħu itellfu n-negozju tal-ħwienet tal-Belt. Jien ma nistax nagħmel din l-evalwazzjoni imma l-verita' hi li din hija xi ħaġa temporanja, edukattiva, u importanti ħafna. Il-prodott ta’ dawn iż-żgħażagħ irid jidher almenu darba f’sena barra mill-iskola u jintwera lill-pubbliku. Din hija parti minn kampanja ta' edukazzjoni favur il-koperattivi u attivita' bħal issir darba f'sena.

Mr. Speaker, huwa importanti li jekk irridu nkabbru l-attivita’ ekonomika u soċjali ta’ dawn il-koperattivi rridu noħolqu kuxjenza fost il-poplu. Nixtieq nistaqsi jekk din il-liġi għaddietx għad-diskussjoni f'MCED, fejn hemm il-*partners* soċjali kollha. Wara kollox f’koperattiva hemm il-komponenti kollha. Għalhekk nixtieq li xi ħadd minn naħa tal-gvern jirrispondini jekk din il-liġi ġietx mgħarbula mill-kunsill malti għal izvilupp ekonomiku, qabel ma attwalment ġiet f’ dan il-parlament. Importanti li jkun hemm sens ta’ appoġġ, u solidarjeta jekk irid ikollna ta’ dan il-moviment.

Kif kont qed ngħid aktar kmieni il-Ġnus Magħquda u l-ILO, iħarsu lejn il-koperattivi bħala mezz għal ħolqien tax-xogħol, partikolarment għall-ċerti gruppi li huma vulnerabbli fis-soċjeta. Mr Speaker jekk dawn il- gruppi ma jkollhomx l-opportunitajiet ta’ xogħol, jew inkella xi tip ta’ appoġġ jew wens, jistgħu jaqgħu ukoll fil-faqar. Illum il-moviment kooperattiv fid-dinja, huwa meqjus minn dawn l-organizzazjonijiet dinjija bħala mezz biex jiġġieldu kontra l-faqar.

Hawn nixtieq nistaqsi jekk il-bord tal-koperattivi u l-Apex hux qed, jevalwaw u jaħdmu mill-qrib biex jaraw kif jistgħu jipromwovu l-kooperattivi ġodda speċjalment dawk soċjali. Inħoss li l-ETC għandha responsabilta kbira f’dan il-qasam, partikularment fil-qasam tal-persuni b’diżabilita. L-ETC suppost għandha sezzjoni biex tagħmel *placements* għal persuni b’diżabilita fil-qasam tax-xogħol. Suppost għandna liġi li ħafna minna nirreferu għaliha bħala tat-2%. Suppost għal kull tant ħaddiema wieħed irid ikollu tnejn fil-mija li jkunu persuni b’ diżabilita. Għaldaqstant din il-liġi mhux qed tiġi infurzata.

Mr. Speaker, l-ETC tista' tkun ukoll promotur flimkien tal-bord tal-koperattivi u l-Apex biex propju iħeġġu twaqqif ta' koperattivi għal persuni b'diżabilita. Dan m'għandux isir bil-fomm biss. Diġa għandna, l-koperattiva ta' l-Eden Foundation li qed tagħmel xi ħaġa f' dan is-sens imma ma nistgħux nippretendu biss li kooperattiva waħda tlaħħaq ma' l-ammont ta' persuni b' diżabilita li fil-fatt qed jersqu 'l-quddiem. Hija xi ħaġa pożittiva li jippruvaw jidħlu fil-qasam tax-xogħol. Meta noħolqu dan l-aċċess u dawn l-opportunitajiet ta' xogħol għal persuni b'diżabilita, inkunu verament qed inwettqu fil-konkret l-inklużjoni soċjali. L-inklużjoni soċjali mhux xi ħaġa li nsemmuha u tiġi waħedha. Hemm diversi stadji u fost l-istadji importanti hemm il-qasam tax-xogħol. Jiena ħadt gost meta żewġt iħdud ilu attendejt għall-ftuħ tal-*workshop* ta' Dar Nazaret. Kienet inizjattiva mill-aqwa u jiena ngħid l-inizjattiva ta' Dun Anġ hija inizjattiva ta' ġenerożita kbira. Dan ta daru propju għall-persuni b'diżabilita. Din kienet l- inizjattiva ewlienija imma issa ħa pass ikbar li jiftaħ *workshop* għal dawn il-persuni. Id-dinjita tinkiseb meta l-bniedem ikollu x-xogħol. Hawnhekk inħeġġeġ lill-ETC biex jieħdu aktar inizjattivi ta' dan it-tip u kemm jista' jkun idaħħli lill-bord tal-koperattivi magħhom. F'ċertu sens dan għandu ħafna saħħa,għalkemm is-saħħa tal-ministru f'din il-liġi hija kollox. L-ispaga qegħda f'idejn il-ministru u nemmen li dan għandu jkun proattiv billi joħloq aktar ideat speċjalment fejn jidħlu sezzjonijiet imwarrba tas-soċjeta. Irid ikun hemm aktar twaqqif ta' koperattivi ħalli joffru opportunitajiet ġodda ta' xogħol.

Jiena nemmen ukoll li l-moviment koperattivi f'Malta jista jkun opportunita` oħra għall-ħolqien ta' xogħol għan-nisa. Barra minn pajjiżna hemm numru sostanzjali ta' koperattivi tan-nisa. Dan għax il-koperattivi jistgħu joħolqu *work practices* li huma flessibbli għan-nisa u li jkunu jistgħu jintegrawhom mad-doveri tad-dar u tal-familja. Inħeġġeġ lill-ETC jagħti kaz tan-numru kbir ta' nisa li qed ifittxu xogħol biex iżidu d-dħul tal-familja. Hawnhekk l-ETC tista' tpoġġi bilqiegħda mal-APEX u mal-bord tal-koperattivi u toħloq aktar opportunitajiet ta' xogħol.

Bħalissa għaddejja d-89 sezzjoni ta' ILO f'Geneva. Bdiet fil-5 ta' Ġunju u għandha sal-21 ta' Ġunju. Propju waħda mill-*items* fuq l-aġenda ta' l-ILO hija *Promoting Cooperatives.* Qed jiffukaw l-aktar fuq il-promozzjoni ta' koperattivi biex jinħoloq aktar xogħol u jonqos il-faqar u biex kemm jista' jkun jinħolqu koperattivi ta' nies li huma emarġinati. Waqt li qed inqalleb xi dokumenti ġie propju d-dokument tal-proposta li l-ILO qed tagħmel għad-diskussjoni. Id-dokument għandu konklużjonijiet proposti u se jiġu diskussi. Wieħed mill-punti jew mill-paragrafi li laqtuni kien rigward ir-rwol tal-gvernijiet, tas-sidien, ta' l-organizzazjonijiet tal-ħaddiema, tal-kooperattivi u r-relazzjoni ta' bejniethom. Dawn iddiskutew x' għandu jkun ir-rwol ta' dawn l-imsieħba soċjali kollha u r-relazzjoni ta' bejniethom. L-ILO, Mr Speaker, se tkun qed tmexxi 'l-quddiem u tħeġġeġ lil pajjiżi membri fosthom Malta, biex ir-rwol tal-gvern ikun limitat għal regolazzjoni tal-koperattivi. Barra dan hemm elenkati diversi affarijiet. Dan il-paragrafu laqatni għax l-ILO ġabret dawn il-proposti wara li ħadet sottomissjonijiet minn diversi pajjiżi membri tagħha inkluż Malta. Jien skantajt kif ġejna f' din id-*draft* tal-liġi għad-diskussjoni u nsibu li r-rwol tal-ministru f'din il-liġi kompla jissaħħaħ. F'artiklu 4, subartiklu (1) hemm il-mod ta' kif jinħatru l-membri tal-bord tal-koperattivi. Dawn il-membri jinħatru mill-ministru bl-aktar mod omnipotenti u unilaterali. Dan il-bord jaħtru l-ministru mingħajr rappreżentanza. Illum hemm l-Apex li hija l-federazzjoni tal-koperattivi Maltin. Fiha tiġbor kważi l-koperattivi kollha maltin. Qed ngħidu li hemmhekk hemm organiżżazzjoni li tirrappreżenta kważi il-moviment sħiħ tal-kooperattivi malti. Din m'hijiex imsemmija.

Dawn il-membri jafu lill-ministru, allura ma jistgħux ikunu awtonomi. Dan il-bord żgur ma jistax ikun awtonomu, Mr Speaker. Dan il-bord bilfors irid jimxi skond dak li jiddeċiedi l-ministru u l-gvern tiegħu u allura naturalment skond il-politika tal-gvern tal-ġurnata. Dan ikompli jikkontrasta ma' dak li tgħid l-*international co-operatives alliance.* Din issemmi prinċipji fundamentali li huma aċċettati minn kulħadd u mhux minnha biss. Il-prinċipji partikolarment l-awtonomija u l-indipendenza, huma importanti. Għaldaqstant hawnhekk qed nemendaw il-liġi u ma jimpurtax li l-ministru jibqa' jkollu dk il-poter kollu. Hemm paragrafu li jgħid li l-ministru jista' jwaqqaf attivita għax jgħid li huwa ta' interess pubbliku. Kieku kellna eżempji tajbin ta' interess pubbliku min naħa tal-gvern nazzjonalista ma neħodhiex daqshekk bi kbira imma meta nara kif il-pn jieħu d-deċiżjonijiet u jgħid li huma fl-interess pubbliku jinkwetani.

**MR. SPEAKER:** Onor Coleiro, jekk jogħġbok ikkonkludi.

**ONOR. MARY LOUISE COLEIRO:** Mhux se nikkonkludi għax għad fadalli imma almenu nitolbok tagħtini ċans nispiċċa s-sentenza.

**MR SPEAKER:** Biex tkompli għandek bżonn estenzjoni tal-ħin.

**ONOR. MARY LOUISE COLEIRO:** Mr Speaker, jien nixtieq inkompli ninstema'. J'Alla jagħtuni estensjoni iżda naf li mhux se jagħmlu hekk.

**MR SPEAKER:** L-Onor. Silvio Parnis.

**ONOR. SILVIO PARNIS:** Nipproponi li l-Onor. Coleiro tkompli tinstema'.

**MR SPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Nissekonda.

**MR SPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Onor. Coleiro tkompli tinstema. Dawk favur? (Onor. Membri: *Aye*) Dawk kontra? (Onor. Membri: *No*) *Negatived.*

*Il-mozzjoni m'għaddietx.*

**MR SPEAKER:** Aktar rimarki? L-Onor. Michael Farrugia.

**ONOR MICHAEL FARRUGIA:** Mr Speaker, l-ewwelnett irrid ngħid li nħossni disgustat għall-mod kif il-kollega ma ngħatatx iċ-ċans tkompli bid-diskors tagħha.

Issa ħadniha drawwa li fin-nuqqas ta' programm parlamentari nibqgħu għaddejjin u min-naħa tal-gvern kulħadd jibqa' jitkellem ħalli kemm jista' jkun nieħdu l-ħin biex ma nispiċċawx bla aġenda. Qabel konna nippakkjaw il-ġimgħa kollha bis-seduti u ma kien ikollna ċans għal xejn, la ħin għall-ministri u lanqas għall-membri parlamentari. Wara dan kollu, lill-kollega tiegħi lanqas tajniha ċ-ċans tgħid l-aħħar sentenza. Is-Sedja ma ħallethiex tagħlaq lanqas, u hawn irrid nuri n-nuqqas ta' qbil min-naħa tiegħi.

**MR. SPEAKER**: Ippermettili ftit Onor. Farrugia. Is-sedja mhux ma ħallietx lill-Onor. Coleiro tagħmel l-aħħar sentenza imma sempliċement ġbidt l-attenzjoni li kienu għaddewlha l-40 minuta, kif jgħidu r-regolamenti.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA**: Jien napprezza l-pożizzjoni tiegħek u l-pressjoni li għandek minn ħafna postijiet. (Interruzzjonijiet) Agħtini ċans ħalli nispiċċa u tagħmillix bħalma għamilt lill-Onor. Coleiro. Hija l-koswetudni ta' din il-Kamra li s-Sedja tħalli lil dak li jkun għallinqas jispiċċa s-sentenza għax wara kollox hija etika parlamentari. Mr. Speaker jiddispjaċini li kelli nitkellem b'dan il-mod imma nħoss li żżejjed huwa żejjed.

Irrid ngħid ukoll li dalgħodu xi ħadd għadda kumment għax ġie mgħajjat *quorum.* Ir-responsabbilta' tal-gvern hi li jkun preżenti hawnhekk ħalli jara li l-liġijiet li qed iressaq ikomplu għaddejjin. Barra minn hekk din il-ġimgħa kellna erba' seduti. Dawn l-aħħar ftit ġimgħat kellna tliet seduti kull ġimgħa. Jiġifieri din il-ġimgħa xorta kellna seduta aktar.

**MR. SPEAKER**: Onor. Farrugia, is-Sedja invarjabbilment timxi mar-regolamenti. M'hemmx spjegazzjoni oħra. Kompli bl-intervent tiegħek, jekk jogħġbok.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA**: Mr. Speaker, niġi għall-abbozz ta' liġi li għandna quddiemna. Nibda biex ngħid li dan l-abbozz ta' liġi fl-opinjoni tiegħi missu ilu li sar. Seta' sar meta saru diversi emendi fl-1995 meta kienet tressqet il-liġi dwar il-koperattivi. Din kienet tagħti l-opportunita' biex ċerti affarijiet li llum qegħdin niddiskutu f'dan l-abbozz jidħlu appuntu dakinhar. Li wieħed jinnota huwa li min kien qed jippilota l-liġi fl-1995 ma kellux viżjoni għall-futur immedjat. Tant hu veru li meta tela' l-partit laburista fl-1996 l-ewwel ħaġa li fil-fatt għamel kien li stimula l-bord tal-koperattivi sabiex flimkien ma' l-APEX u l-imsieħba fil-koperattivi jaraw eżatt xi jrid isir dwar emendi u tibdil fil-liġi li fil-fatt kienet għadha kif saret fl-1995. Kienu daħlu diversi strutturi u tipi ta' koperattivi oħrajn, inkluż koperattivi fis-settur governattiv. L-abbozz ta' liġi ta' l-1995 ma kienx qiegħed jaħseb sewwa sew għalihom.

Wieħed jista' jgħid li l-gvern Nazzjonalista sa l-1996 ma kien għadu għamel xejn partikolari dwar il-liġi. Kien il-Partit Laburista fil-gvern li fatt beda jaħdem fuqha wara li kellu l-abbozz li ħalla l-bord appuntat għas-snin 1997/1998. Għalhekk qegħdin inressqu l-liġi sentejn u nofs tard wara x-xogħol kollu li kien sar fi żmien amministrazzjoni Laburista mill-professur li kien qed jimbotta biex dan is-suġġett jimxi l-quddiem – Prof. Edwin Grech. Tajjeb li wieħed jgħid li l-bord li kien appuntat fl-1997/1998 fil-fatt kien sab diversi problemi quddiemu. Huwa kien sab sitwazzjoni fejn kellna koperattivi fi stat ta' likwidazzjoni, oħrajn li ma kinux qed joperaw u oħrajn f'qagħda kerha. Kellna fond ċentrali tal-koperattivi li ma kienx qiegħed jaħdem. Kellna ukoll l-organizzazzjoni APEX, u hawnhekk tajjeb li ngħid x'kienu l-għanijiet ewlenin ta' din l-organizzazzjoni li anke dehru fuq *booklet* imsejjaħ 'id-direttorju tal-koperattiv Malti' maħruġ mill-bord tal-koperattivi s-sena li għaddiet. Bażikament dan jgħid li l-APEX tħaddan u tippromwovi l-prinċipji koperattivi, tħeġġeġ l-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka dwar il-koperattivi, u tiġbor tagħrif għall-iskop ta' l-iżvilupp tal-moviment, li jipprovdi servizzi fuq tmexxija, *marketing*, *accounting*, verifika u konsulenza lill-għaqdiet membri, u tagħti leħen għall-moviment koperattiv Malti. Din tħeffef ix-xogħol ta' l-għaqdiet koperattivi primarji u sekondarji tal-gżejjer Maltin.

L-APEX suppost kellha dawn l-għanijiet ewlenin. Wieħed isib li l-gvern fil-fatt ma tantx kien qiegħed jagħtiha l-importanza neċessarja u xierqa. L-APEX hija organizzazzjoni li minnha nnifisha qed teduka lill-membri eżistenti u tkun qed tara wkoll li l-moviment koperattiv Malti jkompli jitwessa aktar ħalli aktar setturi jiffurmaw koperattivi u jidħlu f'dan it-tip ta' ftehim bejn numru ta' individwi li jridu jimxu 'l-quddiem. Huwa għajb li l-

gvern ma tax lill-APEX l-importanza kollha neċessarja ħalli tkun tista' timxi l-quddiem. Fil-fatt fl-1997/1998 kien qed jiġi nnutat li minkejja l-liġijiet u ħafna paroli ieħor li kien jintqal kien hemm nuqqas ta' *premises* minn fejn jista' jopera l-bord tal-koperattivi. Fuq il-bord tal-koperattivi forsi jkolli ċans nitkellem aktar il-quddiem. Apparti li l-bord appuntat fl-1997/1998 kien instab ukoll minn Prof. Edwin Grech, il-liġi ma kenitx xierqa għall-bżonnijiet ta' sentejn wara.

Wieħed jinnota li f'anqas minn sentejn il-bord tal-koperattivi li kien appuntat minn gvern Laburista wettaq dan kollu u kien daħal sew fil-proċess tal-liġi. Huwa proċess ta' liġi li l-gvern Nazzjonalista kellu jistenna sentejn u nofs biex jibda. Il-ministru stess qal li għandna ħafna x'naħdmu fuqu fl-istadju ta' kumitat. Hu qal li hemm għexieren ta' emendi xi jsiru. Dan allura juri li dan l-abbozz ta' liġi tressaq f'dan il-parlament nofsu msajjar għax fil-fatt wara li tressaq għandu bżonn ħafna tibdil. Dan l-abbozz ta' liġi kien tressaq fil-parlament għas-sempliċi raġuni li l-gvern ma kellux programm parlamentari xi jressaq quddiemna. L-istess ministru jagħmilha ċara li għandna biżibilju ta' emendi fi stadju ta' kumitat. Jekk wieħed kellu jħares lejn l-abbozz ta' liġi bil-kemm jagħti kasu għax il-lista ta' emendi li hemm jibdlu s-sugu ta' ħafna milli diġa hemm.

Nittama li l-Ministru Gonzi jilħaq jiġi f'dan il-parlament għax nafu li kellu jsiefer fuq xogħol parlamentari. Nittama li jkollu ċans jirrispondi jekk l-abbozz li għandna quddiemna illum fihx dak kollu li jixtiequ l-koperattivi Maltin u Għawdxin. Ma nafx jekk dan l-abbozz jissodisfax ix-xewqat u l-operat ta' l-APEX li hija l-vuċi ewlenija tal-koperattivi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Irid jirrispondi wkoll jekk dan l-abbozz għandux l-għodod biex iħajjar aktar gruppi ta' persuni biex jiffurmaw koperattiva. Importanti naraw fuq kollox jekk iħaffefx il-proċess tant twil biex titwaqqaf koperattiva bħal ma fil-fatt titwaqqaf kumpanija kummerċjali.

Parti mix-xogħol tal-bord tal-koperattivi huwa li jara kif sejrin u jissettja ċerti regolamenti f'dan is-settur. Wieħed irid jara wasalx iż-żmien li l-bord jibda miexi aktar fuq pariri li jagħtu l-*international cooperative alliance*, l- *ICA.* B'hekk kemm jista' jkun il-bord tal-koperattivi jkun qed jitmexxa aktar minn setturi bħal NGOs aktar milli minn setturi governattivi. Filwaqt li jitmexxa minn NGO il-gvern ikollu l-fakulta' li jkollu rappreżentanza fuq dan il-kumitat u b'hekk ikun jista' josserva jekk hemmx xi forma ta' abbuż jew inkella użu ħażin finanzjarju min-naħa tal-bord jew tal-koperattivi. Wara dan ikunu jistgħu jitressqu quddiem il-bord biex jittieħdu dawk il-passi kollha neċessarji ħalli kulħadd jiġi *in line* u titneħħa kull possibilita' ta' abbuż. Hawnhekk naħseb tajjeb li nsemmi punt ta' evoluzzjoni li sar fis-settur koperattiv. Wieħed jista' jgħid li kien f'nofs is-seklu dsatax li beda t-twaqqif tal-koperattivi. Dawn il-koperattivi imbagħad komplew jiżviluppaw u wieħed jinnota ukoll li f'Malta wara t-tieni gwerra dinjija daħal dan il-kunċett. Meta daħal dan il-kunċett is-sistema kienet aktar dik li jsejjħula l-*inward co-operative.*Din hija għaqda ta' persuni li jixtru u jużaw l-istess prodott bejniethom. Dan il-kunċett insibuh l-aktar fis-settur tal-biedja u fis-settur tas-sajd u huwa hemmhekk li beda l-moviment koperattiv hawn Malta. Bil-mod il-mod kompla jiżviluppa u bdew jiffurmaw numru ta' koperattivi li bdew iħarsu aktar il-barra bħala servizz lejn is-soċjeta' u servizz għalihom. Dan kien qed jagħti l-fakulta' biex jinħolqu anke servizzi kumplimentarji.

Min-naħa l-oħra rridu ninnutaw li waħda mill-affarijiet u mill-prinċipji li kienu qegħdin isiru bdew iseħħu taħt ċirkostanzi li jkunu mhedda. Ħafna drabi dawn ikunu mhedda minn setturi akkademiċi li jippruvaw jidħlu u jevalwaw is-settur tal-koperattivi b'ħafna teoriji li ma jkunux konsonanti mat-twemmin koperattiv. Ħafna drabi ssib li ħafna professjonisti

bħall-*accountants* jidhrilhom li dawk in-nies li qed jiffurmaw il-koperattiva ma jafu xejn, ma jiswew xejn u l-affarijiet għandhom jitmexxew fuq li jgħidu huma. Dawn ikunu qed jheddu l-prinċipju koperattiv meta jemmnu li n-nies ordinarji mhux kapaċi jitkellmu bejniethom u lanqas joħorġu bit-tip ta' tmexxija li jfittxu kemm l-interessi tagħhom kif ukoll l-interessi tas-soċjeta'.

Jekk wieħed iħares lejn ċerti *advisors* li jkunu qegħdin jitqabbdu isib li ħafna drabi jsibu l-problemi u rari  jsibu soluzzjonjiet validi li jżommu anke ma' prinċipji tal- koperattivi. Ħafna drabi nsibu *managers* li jaslu sal-punt li jaħsbu li t-tmexxija ma tistax tgħaddi mingħajrom, u jaħsbu li l-koperattiva qed taħdem għalihom minflok li huma qed jaħdmu għall-koperattiva. Ġieli nsibu ukoll politiċi li minkejja li jkunu qed jitkellmu ħafna favur il-koperattivi ma jkunux qed jagħtu l-imbuttatura neċessarja biex dawn il-koperattivi jkunu jistgħu jimxu l-quddiem. Ħafna drabi nsibu li dawn jgħidulhom li qed jiffrankawlhom it-taxxa u allura qegħdin jgħinuhom. B’hekk l-għajnuna reali tieqaf hemm.

Se nsemmi l-koperattiva ta’ l-indafa pubblika. Hawnhekk ġiet ivvintata koperattiva oħra biex tikkompeti magħha. Mhux talli hekk, talli l-kunsilli lokali ta’ Malta u Għawdex bdew jagħtu l-kuntratti lill-kumpanniji privati minkejja l-fatt li l-offerta tal-koperattiva tal-indafa kienet irħas. Fin-Naxxar wieħed jara li x-xogħol li kien isir qabel u x-xogħol li qed isir issa huwa l-istess jekk mhux aħjar mix-xogħol li qed isir illum. Is-sitwazzjoni tax-xogħol tiegħi tħallini ndur ħafna bil-karozza u nara x’inhu jiġri. Nista’ ngħid li kemm ix-xogħol li kienet tagħmel is-sezzjoni tal-indafa pubblika tal-gvern kif ukoll tal-koperattiva kien xogħol tajjeb ħafna. Il-kunsill tan-Naxxar, bil-maġġoranza ta’ kunsillieri nazzjonalisti, ddeċida li minkejja li kien jidher li l-offerta li kienet qed tagħmel il-koperattiva ta' l-indafa pubblika kienet aħjar, ġiet magħżula kumpanija oħra. Ir-riżultat hu li mhux talli s-sitwazzjoni ma tjiebitx talli hemm ħafna w ħafna x’wieħed jirranġa.  Il-gvern qabel kien juża l-koperattiva u issa minn meta bdew il-kunsilli qed jużaha postijiet oħrajn. Għandna bżonn li f'ċerti każijiet ngħallmu lill-kunsilli li l-moviment koperattiv Malti qed jagħti xogħol siewi u rridu ngħinuh kemm jista’ jkun. F’xi każi nistgħu nużaw ukoll l-APEX u importanti nagħtu t-tagħrif neċċessarju. Dan kollu biex ngħinu lill-koperattivi fir-realta u mhux bil-paroli u bil-liġijiet biss.

Jien nittama li l-appell tiegħi ma jaqax fuq widnejn torox. Il-gvern irid jara li hu stess ma jkunx theddida għall-koperattivi permezz tal-burokrazija żejda. Nispera li l-ministru jikkonfermali jekk hux veru li l-fond ċentrali din is-sena ltaqa' darba biss. Il-fond ċentrali tal-koperattivi huwa dak il-fond li jiġi mill-qliegħ li tagħmel il-koperattiva. 75% mill-qliegħ jinqasam bejn il-membri li jiffurmaw il-koperattiva, 20% bil-liġi jridu jibqgħu fil-koperattiva għall-iżvilupp u l-immodernizzar neċessarju u 5% imur fil-fond ċentrali. Dan isir biex il-gvern ikun jista' jara li dan il-fond huwa mmexxi mill-bord tal-koperattivi u li l-affarijiet jimxu l-quddiem. Huwa għajb li l-fond ċentrali ltaqa' darba.  Wieħed jistaqsi x'fiduċja għandu l-ministru fil-fond ċentrali. Nistgħu inkunu nafu x'fiduċja għandu l-ministru meta l-fond iltaqa' darba biss u l-5% mill-qliegħ li jagħmlu l-koperattivi mhux qed jiġi utilizzat ħalli nkomplu nsaħħu l-koperattivi. Aħna nafu wkoll li jekk il-fond ċentrali ma jkunx qiegħed jiffunzjona bil-liġi li għandna quddiemna se nkunu qegħdin nipprovdu l-għodda bla ma jkollna ħaddiema li jagħmlu użu minnha. Naħseb li din hija l-inqas ħaġa li l-moviment koperattiv Malti jrid.

Qegħdin insibu li l-investituri qegħdin jiġu mbuttati f'setturi fejn il-koperattivi qegħdin jaħdmu. Dawn qed jippruvaw jimbuttawhom b'tali mod li - bħalma tajt eżempju ta' x'qed jiġri fil-kunsilli lokali fis-settur ta' l-indafa pubblika - l-investituri qed jiġu mħajra jidħlu

f'dak is-settur u jirbħu t-*tenders* bl-iskuża li l-koperattivi mhux qed jagħmlu xogħol tajjeb. Ħafna drabi nisimgħu b'setturi li jkunu qed jiġu mħajra biex jiffurmaw koperattiva imma mhux qed isir żvilupp. Wieħed jista' jsemmi l-*lotto receivers coperative* li fil-fatt kienu ffurmaw koperattiva ħalli jimxu aktar il-quddiem. Ilum il-ġurnata dawn huma nkwetati u ma jafux x'se jsir minnhom. Il-gvern ftit li xejn qiegħed jitkellem magħhom. Għaddej ħafna paroli fuq il-privatizzazzjoni tas-settur tal-lottu u din il-koperattiva ma taf xejn. La jafu jekk hux se tkompli tiffunzjona, la hux se jibqgħu jaħdmu u lanqas x'se jkun ir-rwol tagħhom meta jidħol il-privat. Dawn assolutament qed jiġu mħollija fid-dlam. Dan mhux aċċettabli għax huwa metodu kif il-gvern ikun qiegħed ikisser dan is-settur koperattiv. Jekk inħarsu lejn il-gwardjani lokali nsibu li dan kien settur li wkoll ifforma koperattiva. Jien ma niskantax li bħalma ġara fis-settur ta' l-indafa pubblika, jekk kienx hemm xi ħadd li għandu interess jimbotta lil setturi oħrajn minflok lill-koperattiva. Jidher li anke fis-settur tal-gwardjani lokali hemm min għandu interess jimbotta s-settur privat minflok is-settur koperattiv. Jien bqajt skantat meta sirt naf li l-gwardjani lokali *spiċċaw* mingħajr *tender* waħda. Mr. Speaker, is-settur koperattiv f'Malta daqshekk qed ikun mgħejjun mill-gvern u mill-kunsilli.

F'artiklu li riċentement kien fuq "il-Mument" miktub mill-kollega tiegħi l-Onor. Edwin Vassallo, insibu li s-settur koperattiv huwa magħmul minn diversi *self-employed* u negozjanti żgħar li ngħaqdu flimkien u ffurmaw koperattiva. Huwa qal ukoll li l-Partit Nazzjonalista huwa l-partit tas-*self-employed.* Kumbinazzjoni dawn kienu żewġ artikli żgħar fuq l-istess paġna. Għalhekk jien niskanta kif il-Partit Nazzjonalista fil-gvern mhux qed jgħin lill-dawn is-setturi biżżejjed. Imbagħad dan jiġi jgħid li s-settur koperattiv tas-*self-employed* iż-żgħar kollha flimkien, huwa l-partit tagħhom. Issa sirna naħsbu li nistgħu inbellgħu ir-ross bil-labra lil kulħadd.

Mr. Speaker nixtieq nagħlaq fuq punt żgħir. Mhux se jkolli għalfejn nitlob li nagħlaq b'sentenza waħda għax forsi ma tagħtinix ċans. Se nipprova nagħlaq daqxejn qabel ħalli lanqas ikolli għalfejn nitlob l-aħħar sentenza. Jien nitlob lill-ministru biex ikollna tweġibiet ċari. Għandna bżonn tweġibiet ċari, speċjalment biex il-ministru jassigura lil din il-Kamra u b'mod speċjali lill-moviment koperattiv li l-flus fil-fond speċjali tal-koperattivi qed jintefqu skond ix-xewqa u l-bżonn tal-koperattivi. Irrid ukoll nistaqsi lill-ministru jistax jispjega jekk l-amministrazzjoni f'dan il-qasam hux taħdem b'risq propaganda inkella għall-bżonn reali tal-koperattivi.

Nixtieq ukoll li l-ministru jgħidilna dwar ix-xogħol li qed jagħmlu l-koperattiva tal-gwardjani lokali u l-koperattiva tar-riċevituri tal-lottu fost oħrajn. Nixtiequ nkunu nafu wkoll xi proġetti għandu quddiemu l-bord tal-koperattivi għas-sentejn li ġejjin u li bdew f'Jannar 2001. Nitlob lill-ministru jgħidli kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għal koperattivi prospettivi u kemm-il darba fis-sena iltaqa' l-bord tal-koperattivi. Nafu li dan ma tantx qiegħed jiltaqa'. Importanti li nkunu nafu xi tħejja u x'tagħrif qed jingħataw il-koperattivi dwar id-dħul eventwali u l-effett li tħalli fuqhom sħubija sħiħa fl-Unjoni Ewropea. Il-ministru għandu jgħidilna xi żviluppi u x'riżultati kellha *scoops*. Apparti li napprezza li hemm l-aspett edukattiv, tajjeb li nkunu nafu x'inkiseb aktar bħala riżultati f'dan is-settur. Nikkonkludi għax kont wegħidt lil sħabi li mhux se nieħu fit-tul.

Mr. Speaker li dan l-abbozz ta' liġi tressaq f'dan il-parlament malajr malajr għax ma kellux aġenda parlamentari. Se nispiċċaw fi stadju ta' kumitat għax għandna biżibilju sħiħ ta' emendi x'niddiksutu. Nittama li x-xogħol li se jsir ma jkunx bħal tal-1995 għax lanqas kien jaħseb għal sena' u nofs wara. Nirringrazzjak.

**MR SPEAKER:** Grazzi. Iktar rimarki? L-Onor. Silvio Parnis.

**ONOR. SILVIO PARNIS:** Mr Speaker, l-ewwelnett nirringrazzjak u nirringrazzja wkoll lill-kollegi tagħna li jiġu hawnhekk jitkellmu dwar il-liġijiet għaliex minnhom nitgħallmu ħafna. L-iskop ewlieni ta' dan l-abozz huwa biex jaġġorna l-leġislazzjoni li tirrigwarda l-Kostituzzjoni. Qed niddiskutu l-leġislazzoni u l-kontroll ta' soċjetajiet koperattivi. Fost affarijiet oħra naħseb li din hija liġi li tgħolli l-identita' tal-ħaddiem Malti. Miż-żewġ naħat naqblu li din hija liġi pożittiva li se tgħin lill-ħaddiema. Tajjeb li fil-bidu tad-diskors tiegħi nagħmel analisi u nfakkar li għalkemm aħna żgħar il-ħaddiem malti wasal biex ikollu d-drittijiet tiegħu. Hawn qed nitkellmu fuq koperattiva ta' ħaddiema li jingħaqdu flimkien u jirsistu biex is-soċjeta' tagħhom timxi 'l quddiem.

Il-ħaddiem Malti qabel ma kellux leħen u llum permezz tal-*unions* għandu vuċi u drittijiet. Il-ħaddiema, inkluż aħna qatt ma kienu jobsru li kien se jkollhom *leave* u *sick leave.* Qabel il-ħaddiem kien ittrattat ta' skjav. Bi skjav ma rridx infisser marbut bil-ktajjen iżda li sservi lil min jagħmel il-flus u ma jkollokx drittijiet. Illum permezz tal-koperattivi l-ħaddiema qed jingħaqdu u jaħsbu għall-għajxien tagħhom huma. Missirijietna jiftakru li fi żmienhom, meta kienu jaħdmu x-xatt jew fil-ġebel, l-imgħallem kien jibgħathom id-dar għax tagħmel ix-xita u ma jħallashomx. Dawn kienu qishom skjavi. Illum meta naraw li l-istorja hija differenti nieħdu gost li hawn ħafna koperattivi li rnexxew. Din il-liġi tfisser sewwa kif jaħdmu u jitmexxew il-koperattivi. Li forsi wieħed ma tantx tinżillu għasel huwa li l-ministru jagħżel lill-ħaddiema tal-bord. Forsi dawn mhux dejjem qed jintgħażlu tajjeb u jista' jkun li l-ministru qed qed jindaħal iżżejjed. Għaldaqstant dan il-kumitat ta' tmexxija ta' dawn il-koperativi huwa ffurmat minn sotto kumitati li għandhom president, segretarju u teżorier. Bla dubju ta' xejn hemm ukoll id-dritt li jimpjega *manager.* Nistgħu nifhmu x'inhu l-iskop li jkun hemm *manager* meta nafu li hemm involuti eluf ta' liri.

Kellna esperjenzi sbieħ ta' koperativi f'pajjiżna u minn dan il-parlament xtaqt insellem u ngħid prosit lill-ħaddiema tal-*garage* tal-gvern li jieħdu ħsieb il-manutenzjoni u l-bini mill-ġdid ta' sinjali u tabelli tat-toroq u ta' *street furniture.* Minn meta saret il-koperattiva, l-effiċjenza fis-sinjali tat-toroq żdiedet. Qabel il-ħaddiema tal-gvern, mhux għax it-tort tagħhom iżda għax kellhom lil ta' fuqhom li jagħtu l-ordnijiet, kienu joħorġu jiżbgħu f'ħinijiet fejn kien hemm it-traffiku. Illum permezz tal-koperattiva hemm aktar effiċjenza għax qed jagħmluhom anke bil-lejl. Xtaqt insellem ukoll lill-koperattiva li tagħmel il-*laundry* f'San Vinċenz de Paule. Din ukoll għamlet suċċess kbir. Naraw li hemmhekk u f'*Mount Carmel hospital* il-ħaddiema ngħaqdu flimkien u mxew ħafna 'l quddiem. Meta jibda jara dawn l-affarijiet kollha wieħed jinduna kemm hi importanti din il-liġi. Hemm bżonn isiru emendi għax l-aħħar li saru kien fl-1978 meta kien hemm Prof. Edwin Grech.

Hawnhekk insellmu membri parlamentari, ministri u segretarju parlamentari li kienu ħadmu biex f'dan il-pajjiż l-affarijiet jimxu 'l quddiem. Jien dejjem għedt li l-parlament irridu nużawh biex ikun il-leħen tal-poplu. Tajjeb għalhekk li ma nitfgħux dell ikrah fuq nies li xi darba servew lil dan il-pajjiż. Taħt il-kappa tal-koperattivi hemm 5,000 ħaddiem u allura mhux tajjeb li ma nagħtux kashom għax ikunu żgħar. 5,000 ħaddiem bħala persentaġġ ta' ħaddiema f'pajjiżna m'huwiex numru żgħir. Il-koperattivi għadhom fil-bidu tagħhom u rridu naraw li jkomplu jimxu 'l quddiem. Hemm koperativi oħra li twaqqfu fosthom dik tat-tobba ġewwa l-polikliniċi. Minn dan il-parlament insellem

lill-ħaddiema, it-tobba, u l-infermiera u lil kull min jagħti s-sehem tiegħu fejn tidħol il-kura tas-saħħa.

Nafu li llum il-ġurnata l-polikliniċi tagħna qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ħafna problemi fejn jidħol *staff* tat-tobba. Is-servizz tat-tobba qiegħed jonqos b 'mod allarmanti. It-tort m'aħniex se nagħtuh lit-tobba minħabba il-kundizzjonijiet li għandhom fil-polikliniċi. Jista' jkun ukoll li iktar jaqblilhom li jaħdmu fil-privat. Minkejja li twaqqfet koperattiva ma sarx xi progress kbir. Ma rridx niftiehem ħażin jew jgħidu li qed neħodha kontra t-tobba u l-ħaddiema li hemm fiċ-ċentri tas-saħħa. Hemm ħafna familji bi dħul baxx li ma jistgħux iħallsu għal servizz privat, allura s-servizz ta' l-isptarijiet u l-polikliniċi huwa benefiċċju soċjali importanti. Irridu naraw li dawn is-servizzi li beda l-Partit Laburista fit-tmeninijiet ikompli u mhux naqtgħu qalbna. Irid isir xi ħaġa u din ngħidha bl-ikbar responsabilita' lejn il-kostitwenti tagħna. Ħafna kellmuna dwar il-problema tas-servizz tal-polikliniċi li dejjem qed jitnaqqar. L-unika tama ta' saħħa li għandhom dawn in-nies huwa permezz taċ-ċentri tas-saħħa. Irridu noqogħdu attenti li minħabba problemi finanzjarji ma jkollniex familji li jittraskuraw is-saħħa ta' uliedhom.

Koperattiva oħra hija dik tal-gwardjani lokali li kulħadd jaqbel li f'pajjiżna ħolqu kontroversja. Xtaqt ngħid ukoll li filwaqt li naf li ċerti gwardjani jagħtu u jagħmlu d-dmir tagħhom, għandi l-mistoqsijiet tiegħi dwar x'inhu x-xogħol proprju tagħhom. Hawn l-impressjoni li dawn joqogħdu qishom klieb tal-għassa attenti għal kull żball li jieħdu ċ-ċittadini. Irrid nistaqsi kemm il-ċitazzjoni taw il-gwardjani lokali fir-rigward ta' kontravvenzjonijiet tat-traffiku. Irrid nistaqsi wkoll kemm taw ċitazzjonijiet lill-individwi li ma żammewx l-ambjent ta' madwarhom nadif jew b'kapriċċ irmew karti jew żibel fit-toroq. Ħafna gwardjani qed jagħmlu xogħol tajjeb iżda jekk tistaqsi lin-nies tinduna li m'hawnx idea tajba tagħhom. Ir-rwol tal-gwardjani għandu jiġi muri b'mod ċar ma' kulħadd.

L-ewwelnett irridu noqogħdu attenti għax hawn qed nitkellmu fuq impjegati. It-tieni rrid insemmi li hemm imdaħħla ammonti ta' flus kbar. Hemm kunsilli li neħħew il-gwardjani u oħrajn li sabuhom tajbin. Is-suġġeriment tiegħi hu li l-gwardjnai lokali għandhom jużaw il-forza tagħhom biex iżommu l-ambjent nadif. Faċli tagħti ċitazzjoni minħabba parkeġġ iżda hawn ħafna nies li jarmu karti mill-karozzi u jħammġu t-toroq. Naħseb li l-kunċett tal-gwardjani ma rridux noqtluħ iżda nħaddmuħ sewwa u nagħtuh aktar saħħa biex jaħdem aħjar. Illum il-ġurnata l-ħaddiem qed isir sid tiegħu nnifsu. Permezz tal-koperattivi l-ħaddiema qed jingħaqdu flimkien u jagħmlu biċċa xogħol huma. Jiena niltaqa' ma' ħaddiema li daħlu f'koperativi, mxew 'il quddiem u d-dħul tagħhom mar tajjeb. Inħeġġeġ lil dawn il-ħaddiema biex jagħmlu ħilithom u jimxu 'l quddiem.

Hawnhekk nixtieq insellem lill-ħaddiema tal-fabbriki. Fin-nofsinhar ta' Malta hemm ħafna ħaddiema tal-fabbriki li l-kundizzjonijiet tagħhom huma differenti mill-kundizzjonijiet ta' ħaddiema oħrajn. Il-ħaddiem qabel kien ilsir iżda ħafna ħaddiema li jaħdmu ġewwa l-fabbriki jaħdmu qishom robots. Dawn ikollhom jagħmlu kollox dak il-ħin u ma jistgħux jagħmlu l-affarijiet personali tagħhom. Dawn in-nies jaħdmu taħt pressjoni kbira minħabba l-produzzjoni. La qed insemmi l-ħaddiema u d-drittijiet tagħhom irrid insellem lill-ħaddiema li mietu fuq ix-xogħol. Huwa utli li ngħollu l-livell tal-ħaddiema.

Dan l-aħħar kelli kuntatt mal-familjari tal-ħaddiema li kienu mietu fuq il-vapur Um el Faroud ġewwa t-tarzna. Minkejja li għadda dak iż-żmien kollu l-familjarji għadhom qed

jiġġieldu bil-qorti għad-drittijiet tagħhom u kważi kollha stqarrew miegħi l-esperjenza iebsa tagħhom li għadha ċara quddiem għajnejhom. Dawn kienu mumenti li ma jintesew qatt. Konna għaddejna liġi dwar is-sigurta' li kienet tkopri ilbies protettiv. Spiċċajna biex kellna martri ta' ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għax ma kenux libsin ħwejjeġ protettivi, u nfakkar lil sħabna l-ħaddiema li ftit snin ilu kienu mietu fl-ispira ġewwa ċ-Ċirkewwa.

Jien kburi li ħafna membri parlamentari ġejjin mill-klassi tal-ħaddiema għax b'hekk lil dawn in-nies nistgħu nifhmuhom aħjar. Meta nitkellmu mal-kostitwenti jkellmuna fuq it-tbatija tal-familji tagħhom, fuq problemi fuq ix-xogħol u affarijiet oħrajn. Sa dalgħodu ċemplitli mara li qaltli li binha se jiggradwa fl-*accounts* u m'għandux xogħol. Il-pajjiż ma jimxix bil-parlamentari biss iżda b'kull min jagħti sehmu mill-kbir saż-żgħir. Lejn tmiem id-diskors tiegħi ridt ngħid li nittama li jitwaqqfu koperativi biex inaddfu l-widien ta' pajjiżna. Sa din il-ġimgħa rajt widien li huma veru sbieħ iżda li huma traskurati. Il-mistoqsijiet parlamentari li għamilt jien dejjem waqgħu f'widnejn torox. Se nsemmi Wied Blandun li huwa sabiħ ħafna iżda traskurat.

Fil-ftit ħin li kelli ridt nuri l-importanza tal-koperattivi f'pajjiżna li jkopru fuq 5,000 ħaddiem. Ridt insellem ukoll lill-ħaddiema kollha speċjalment li mietu fuq il-post tax-xogħol u ridt ngħid li rridu nħarsu lejn din il-liġi fil-kuntest ta' storja sħiħa li bdiet bil-ħaddiema qishom skjavi. Filwaqt li nagħraf li hemm affarijiet pożittivi u oħrajn negattivi f'din il-liġi irrid inħeġġeġ biex nagħtuha l-importanza li ħaqqha. Grazzi. Sur President.

**THE DEPUTY SPEAKER (Onor. Michael Bonnici):** Grazzi. Iktar rimarki? L-Onor. Tony Abela.

**ONOR. TONY ABELA:** Sur President, din hija liġi li bħalma ġara fit-42 minn 69 liġi li għaddejna f'din il-leġislatura, qegħdin naqblu fuqha. Qegħdin naqblu mhux biss fil-prinċipji tagħha iżda anke fuq affarijiet żgħar u prattiċi. Din se tagħti saħħa lill-ħaddiema li jipparteċipaw f'dak li għandu x'jaqsam ma' mpjiegi produttivi. Din il-liġi se taffettwa wkoll ħaddiema *self-employed* li jingħaqdu bejniethom u mhux biss ikunu aktar organizzati iżda wkoll produttivi. Dawn se jkunu preparati li jkollhom aktar x'joffru u jkunu f'pożizzjoni aktar kompettittiva fid-dawl tal-applikazzjoni ta' Malta għall-Unjoni Ewropea. Bis-saħħa ta' dawn il-koperattivi se nkunu kapaċi li nilħqu l-livelli li diġa' kienu kapaċi jilħqu koperattivi barra minn Malta . Dan minħabba l-fatt li minflok ħadmu għal-rashom ingħaqdu biex jilqgħu l-isfidi tas-suq.

L-ewwel punt li xtaqt nirriferi għalih huwa l-importanza tal-koperattivi, speċjalment f'dak li jirrigwardja waħda mill-iżjed snajja popolari f'Malta. Qed nitkellem fuq l-agrikoltura, il-biedja u t-trobbija ta' l-annimali. Diġa' nafu li jekk inħarsu lejn is-settur ta' l-agrikoltura u l-biedja f'Malta nsibu li diġa' hemm koperattivi li jfittxu l-interess tal-bdiewa Maltin. Dawn ifittxu l-interess tal-bidwi li jesporta prodott u jsib is-suq għalih. Nafu li minn naħa tal-ministri, kienu ta' liema naħa kienu, dejjem ingħatat protezzjoni lill-bidwi Malti. Dawn ipprovaw ukoll jagħtu ċans li l-prodott isib prezz tajjeb f'suq barrani. Nemmen li b'organizzazzjoni aħjar, b'iżjed informazzjoni u billi nużaw il-mezzi li tagħti t-teknoloġija u l-informatika mhux biss nistgħu nirrklamaw il-biedja Maltija iżda wkoll il-prodott Malti. B'dan il-mod nuru li l-prodott m'huwiex mhedded kif qed jippruvaw jagħtu l-impressjoni xi membri tan-naħa l-oħra.

Nassigura lill-bidwi Malti li jekk jingħaqad f'koperattivi u jaħdem b'mod organizzat u għaqli mhux biss għandu jkollu suq tajjeb iżda wkoll itejjeb is-sitwazzjoni tiegħu. Qed ngħid li sal-lum il-massa tal-bdiewa jaħdmu fuq prodott wieħed jew ftit prodotti. Sal-lum dejjem fittixna li jkollna suq bħall-Olanda għall-bejgħ tal-patata u forsi ma fittixniex biżżejjed swieq oħrajn. Dan biex inkunu nistgħu nipprovdu lill-bidwi Malti suq ġdid li jista' jagħtih prezz li jikkompara ma' dak li kien qed jakkwista f'dawn l-aħħar snin. Irridu nħarsu lejn suq iżjed varjat milli għandna llum. Bdiewa barranin ikollhom 200 u 300 tomna li tinħadem bil-kumdita' minħabba l-makkinarju ġdid. Meta aħna nirrealizzaw li hemm din il-kompetizzjoni maż l-Ewropa nindunaw kemm hu importanti li l-bdiewa tagħna jingħaqdu f'koperattivi. Hawnhekk naħseb li hemm bżonn studju serju biex naraw xi swieq hemm u meta l-aħjar inkabbru prodotti u x'l-aħjar inkabbru.

Nafu li f'parti minn Malta l-prodott ikun bikri, f'parti oħra jilħaq isir fi żmienu, u f'oħrajn idum aktar dak li jgħidulu prodott aħħari. Fejn hemm prodott bikri u aħħari s-suq lokali jkun limitat. Għaldaqstant is-suq huwa tajjeb għax kultant ikun hemm provvista aktar mid-domanda. Nemmen li b'aktar organizzazzjoni fis-settur il-bdiewa jista' jkollhom ħafna aktar qliegħ fl-aħħar tas-sena. Mhux qed ngħid li m'hawnx min hu diġa' organizzat, anzi nieħu pjaċir ngħaddi minn ċerti inħawi ta' Malta u nara li ċerti bdiewa kapaċi jagħmlu anke *glasshouses.* Dawn jaraw kif l-aħjar jorganizzaw u f'liema perjodu l-aħjar jiżirgħu u x'jiżirgħu. Kieku l-bdiewa jingħaqdu aktar, jippjanaw aħjar dak li se jiżirgħu u jħawlu, u jaraw it-*trends* tas-suq imorru ħafna aħjar. Jekk jingħaqdu f'koperativi kapaċi jorganizzaw pjanti mhux biss biex ibiegħuhom iżda wkoll biex jagħmlu id-duwa u l-mediċini li għandhom bżonn. Meta bidwi jieħu l-prodott tiegħu għand koperattiva se teħodlu tariffa inqas jew ittiħ prezz aħjar minn tal-pitkalija. Dawn il-koperativi tal-biedja għandhom iħarsu ħafna iżjed lejn orizzonti ġodda. Naħseb li ż-żmien sar u hawn ħafna ħwienet individwali.

Dawn jixtru l-prodotti u jimportaw żrieragħ tal-patata minn barra. Minn dawn hawn biżżejjed. Jekk aħna rridu nikkompetu ma' nies barranin f'dan is-settur għandna nikkonsidraw dawn l-affarijiet. Minkejja li din tidher idea mhux prattika, ma narax għaliex il-koperattivi tal-bdiewa m'għandhomx ikollhom *website* u organizzazzjoni tagħhom. Żgur li t-tfal tal-bdiewa llum għandu jkollhom is-servizz li hemm bżonn biex jitgħallmu minn barra permezz ta' l-*internet* jew mod ieħor. Dawn iridu jkunu jafu x'hemm ġdid fil-linja tagħhom. Dak li ngħidu għall-biedja ngħiduh ukoll għat-trobbija ta' l-annimali u għas-servizzi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ikel. Permezz tal-koperattivi konvint li l-ħaddiema Maltin kapaċi jipproduċu prodotti li llum inġibu minn barra. Hemm prodotti li wieħed ma jistax jagħmel mod ieħor għax ma jistgħux jikbru f'pajjiżna, iżda nemmen li hemm oħrajn li permezz ta' aktar organizzazzjoni jistgħu jitkabbruhawn. Permezz ta' hekk l-ekonomija f'dan is-settur tista' tikber iżjed.

Huwa faċli li bniedem jorganizza d-diversi *area offices* tal-ministeru tal-biedja u li jagħtu servizz, Għaldaqstant il-ministeru fih innifsu jista' jagħti biss pariri waqt li koperativa jekk ikollha l-membri tagħha tkun kapaċi torganizzahom u jkollha aktar poter biex tiddeċiedi x'inhu l-aħjar. Aħna l-membri li niġu minn postijiet fejn hemm il-biedja niltaqgħu regolarment mal-problemi ta' kuljum tal-bdiewa. Dawn jinkwetaw jekk humiex se jbiegħu il-prodott, jekk dak li s-soltu jixtri t-tadam huwiex se jixtrih kollu, jekk jesportaw ħxejjex oħra barra minn Malta jkollhomx jarmu l-prodott u affarijiet oħrajn. Nisperaw li ma jiġrix bħalma ġara meta flus ta' prodott inġabru biex ħaddieħor ma jgergirx. Dan ġara darba fil-bejgħ tal-patata fejn intużaw biex tħallsu nies li bagħtu prodott ieħor li ma jinbiegħx. B'organizzazzjoni aħjar ta' koperattivi f'dan is-settur nemmen li pajjiżna jista'

jipproduċi xogħol biżżejjed biex is-suq tagħna nissupplixxuh b'dak kollu li għandu bżonn il-pajjiż. Dan mingħajr ma l-prezzijiet ikunu la esaġerati għal mara tad-dar u lanqas baxxi żżejjed għall-bidwi li jaħdem l-art u jbagħti biex jipproduċih. F'dan il-kontest irrid irrodd ħajr lil dawk il-koperattivi ta' dan is-settur li ilhom jaħdmu. Sfortunatament m'inix nara biżżejjed aġġornament ta' dawn l-istess koperativi u f'dan is-settur ħafna mix-xogħol irid jagħmlu l-ministeru. Ħafna mix-xogħol li jrid jagħmel id-direttur ta' l-agrikoltura għada pitgħada jista' jsir mill-koperattivi mingħajr il-bżonn li jaqa' kull darba fuq il-ministeru.

Bħalissa qegħdin ngħaddu liġi li qiegħda quddiem il-kumitat li mmexxi jiena, il-liġi fuq il-kontroll u l-kwarantina tal-pjanti. F'Malta għandna *flower shops* f'Ta' Qali u postijiet oħrajn. Hija ħaġa sabiħa kieku nista' nirriklamahom kollha. Kieku jkollna aktar koperattivi li jorganizzaw ruħhom jistgħu jagħtu aktar informazzjoni fuq protezzjoi ta' mard u dan ix-xogħol ma jkollux bżonn isir mid-direttur biss. Ħafna drabi naraw programmi fuq it-televiżjoni li fihom nindunaw kemm għandna mard ta' pjanti u ħxejjex. Għalhekk huwa importanti li jkollna leġislazzjoni tajba fuq dawn l-affarijiet. Ħafna drabi ma jkunx possibbli li persuna torganizza ruħha finanzjarment waħedha għax il-piż ikun tqil wisq. Il-koperattivi għalhekk jistgħu jipprovdu servizz bażiku ta' informazzjoni u ta' prekawzzjoni kontra ċerti problemi u favur ċerti għajnuniet. B'hekk min jorganizza ruħu sewwa jkun jista' jiffunzjona tajjeb u jieħu dak li jkun ħaqqu. Issa se nitkellem fuq il-*unions* li huma koperattivi li jieħdu ħsieb li l-ħaddiema jkollhom id-drittijiet tagħhom.

Il-*unions* jaraw li d-drittijiet jiġu osservati u l-interessi jiġu f'qagħda aħjar mil-lum. Filwaqt li l-gvern jilleġisla l-liġijiet neċessarji bħal m'għamel dwar il-ħarsien tas-saħħa fuq ix-xogħol u relazzjonijiet il-*unions* jaraw li l-pagi u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema huma diċenti. Għall-grazzja t'Alla pajjiżna huwa sostanzjalment organizzat minn dan il-lat. Il-*unions* meta jridu jistgħu jagħtu servizz mingħajr ma joħolqu inkwiet industrijali. Minkejja li kultant ikollhom furja u ċertu aggressivita', dawn il-persuni għandhom sens biżżejjed jafu meta għandhom jieqfu minn ċerti passi industrijali, meta għandhom joqogħdu bil-qiegħda madwar mejda u meta għandhom jieħdu ħsieb li ma jipperikolawx ix-xogħol tal-ħaddiema. Jekk dawn il-koperattivi jkunu avventuruzi zzejjed jistgħu iwasslu lil kapijiet tal-azjendi biex iwaqqfu x-xogħol u jagħlqu. B'hekk il-ħaddiem ikun tilef kollox minflok iggwadanja. Dawn il-koperattivi, bħala *unions* jattendu diversi laqgħat barra minn Malta mhux biss biex jitkellmu u jisimgħu dak li ntqal iżda anke biex jaqsmu esperjenzi li jkollhom membri oħrajn f'pajjiżi differenti. Jistgħu jieħdu aktar ideat ta' kif iġibu kundizzjonijiet aħjar mingħajr ma jipperikolaw ix-xogħol tal-ħaddiema.

Dan is-sens komun rajnieh riċentement meta sitt kwestjonijiet industrijali li kien hemm f'diversi korpi parastatali jew awtoritajiet ġew solvuti madwar mejda iżjed malajr. Dan huwa ħafna aħjar mid-diversi azzjonijiet fuq il-post tax-xogħol li sfortunatament f'każ minnhom waslu għal telf ta' xogħol għal pajjiżna. Dan wassal għal telf ta' xogħol u ordnijiet għal pajjiżna. Min-naħa l-oħra rrid ngħid ukoll prosit lil dawn il-koperattivi u lil dawk il-*unions* li meta jiġu għal punt deċiżiv jafu jagħżlu li x-xogħol isir. Il-.ġimgħa l-oħra ħadt pjaċir nisjma' lill-ministru ta' l-Iżvilupp ekonomiku jgħid li hemm ħafna xogħol abbozzat għat-tarznari ta' Malta. Dawn it-tarznari għamlu reklam tajjeb għal Malta. Dan juri li dawn it-tip ta' ażjendi huma ażjendi li bit-tmexxija tajba jistgħu imorru aħjar.

Nagħlaq dan l-intervent billi ngħid li l-koperattivi f'dan il-pajjiż huma importanti. Dawn se jkunu iżjed importanti biex jiġġieldu l-isfidi li rridu nilqgħu. Se jkunu iżjed importanti wkoll biex dak li hu magħmul mill-maltin jaqdi iżjed lill-Maltin u jkun kompetittiv iżjed.

Permezz ta' koperattivi li jaħdmu b'Maltin stess inkunu kapaċi nuru x'nistgħu u x'nafu nagħmlu.

Sur President, qabel nagħlaq nixtieq nirrapporta li l-liġi dwar restituzzjoni ta' artijiet li kienu tal-BDA ġiet mgħoddija fil-klawsoli kollha mill-Kumitat tal-Kamra.

**THE DEPUTY SPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Nitlob lill-Ministru tat-Trasport u Komunikazzjoni biex f'isem il-Viċi Prim Ministru jressaq l-Aġġornament tal-Kamra.

*Fid-9.00 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.*